

MISTOQSIJA LI TITLOB TWEĠIBA ORALI O-/09
magħmula skont l-Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Eva Joly, f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp
lill-Kummissjoni

Suġġett: L-effetti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fuq il-koperazzjoni għall-iżvilupp

Il-mexxejja tal-G20 għarfu "l-impatt sproporzjonat fuq il-persuni vulnerabbli fl-ifqar pajjiżi" tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u "r-responsabbiltà kollettiva tagħna biex jittaffa l-impatt soċjali tal-kriżi", u b'hekk affermaw mill-ġdid wegħdiet ta' għajnuna eżistenti u wiegħdu riżorsi ġodda - żieda sinifikanti fl-appoġġ f'każ ta' kriżi u aktar riżorsi għall-protezzjoni soċjali għall-ifqar pajjiżi. Madankollu, filwaqt li 82% tar-riżorsi li għadhom kif ġew mislufa mill-IMF marru għaż-żona Ewropea, 1.6% biss marru għall-pajjiżi fl-Afrika. X'se tagħmel il-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li sehem akbar minn dawn il-meżżi jilħaq l-ifqar pajjiżi?

Filwaqt li reazzjoni effettiva għall-kriżijiet se tkun teħtieġ injezzjoni ġdida u kbira ta' riżorsi, il-Bank Dinji tħalla jirreaġixxu permezz tar-riżorsi proprji u l-faċilitajiet eżistenti tiegħu. Barra minn hekk, bosta mill-pajjiżi foqra ħafna huma preċiżament dawk li għandhom riskju kbir min-naħa tal-kriżi finanzjarja internazzjonali, iżda mhux probabbli jirċievu għajnuna mill-IMF jew mill-Bank Dinji, billi mhumiex kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti marbuta ma' kemm wieħed ħaqqu jingħata kreditu u mar-reġistrazzjoni ta' "prestazzjoni tajba".

X'inhil-istrateġija tal-Kummissjoni bħala tweġiba għall-ħtiġijiet ta' dawn il-pajjiżi?

Ir-rispons internazzjonali għall-kriżi jenfasizza problemi marbuta mal-fatt li t-tmexxija ta' Bretton Woods naqset milli tipprowdi assistenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma l-aktar fil-bżonn. Il-Kummissjoni kif tippromwovi riformi ta' dawn l-istituzzjonijiet biex jiġi żgurat leħen aktar b'saħħtu u rappreżentazzjoni akbar għal pajjiżi bi dħul baxx u sensitività akbar għall-ħtiġijiet tagħhom?

Il-Kummissjoni Ewropea bi ħsiebha talloka fil-bidu tal-perjodu EUR 8.8 biljun għall-għajnuna għall-iżvilupp, l-appoġġ tal-baġit u finanzjament għall-biedja għal azzjoni immedjata u pproponiet EUR 500 miljun biex jappoġġja l-infiq soċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-mekkaniżmu FLEX tal-vulnerabbiltà ad hoc. Ma jagħmilx sens li l-appoġġ għall-baġit jiġi ffukat fuq l-oqsma tas-saħħa, ix-xogħol deċenti u l-edukazzjoni u biex jiffinanzja l-infrastruttura, is-servizzi soċjali u t-tkabbir aħdar fil-forma ta' appoġġ baġitarju settorjali? Il-Kummissjoni kif se timla l-vojt ta' finanzjament fis-snin li ġejjin ikkawżat mill-allokazzjoni fil-bidu tal-perjodu attwali?

Il-volumi tal-ODA mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-bżonnijiet ferm akbar ikkawżati mill-kriżi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Liema proposti se tagħmel il-Kummissjoni għal mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi biex tindirizza din il-problema?

Imressqa: 03.09.2009

Mibgħuta: ...

Skadenza: 19.08.2009